



Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6606/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0051 (NLE)**

**POLCOM 61
WTO 24
SERVICES 8**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 83 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Użbekistan mad-WTO

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 83 final.

Mehmuż: COM(2026) 83 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.2.2026
COM(2026) 83 final

2026/0051 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il
Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-
Repubblika tal-Uzbekistan mad-WTO**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (World Trade Organization, "WTO") b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Uzbekistan mad-WTO.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("Ftehim tad-WTO")

Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") għandu l-għan li jikseb l-oġġettivi msemmija fil-preambolu tal-Ftehim. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea ("UE") hija parti għall-Ftehim¹. Is-27 Stat Membru huma wkoll kollha partijiet għall-Ftehim. Id-WTO tista' tiegħu deċiżjonijiet f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO.

2.2. Il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-Konferenza Ministerjali hija l-oġġla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tad-WTO u tiltaqa' mill-inqas darba kull sentejn. Bħala punt tal-liġi u fil-prattika, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsensus.

Il-laqgħa li jmiss tal-Konferenza Ministerjali se issir f'Yaounde, il-Kamerun, mis-26 sad-29 ta' Marzu 2026.

2.3. L-att previst matul il-Konferenza Ministerjali tad-WTO u r-raġuni għall-proposta u l-oġġettiv tagħha

Matul l-14-il Konferenza Ministerjali tad-WTO ("MC14") tista' tiġi adottata deċiżjoni dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Uzbekistan ("l-Uzbekistan").

Il-membri tad-WTO u l-Uzbekistan jistgħu dalwaqt jilhqqu l-istadju ta' konklużjoni ta' ftehim dwar it-termini għall-adeżjoni tal-Uzbekistan mal-organizzazzjoni. Dan wara diversi snin ta' negozjati, li bdew meta l-Uzbekistan ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu biex jissieħeb fid-WTO fl-1994.

L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija tagħti kontribut pożittiv u deġġiem għall-proċess ta' riforma ekonomika u żvilupp sostenibbli fl-Uzbekistan, u tenfasizza l-appoġġ għal sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli bid-WTO fil-qalba tagħha.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Noti ġenerali

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tippermetti lill-UE tingħaqad ma' konsensus possibbli fid-WTO dwar l-adozzjoni mill-Konferenza Ministerjali tal-att previst, magħmul minn deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Uzbekistan mad-WTO.

Filwaqt li għadu mhuwiex ċar u sa liema punt il-Membri tad-WTO humiex se jkunu jistgħu jilhqqu konsensus dwar l-atti previsti, u sa liema punt sa jagħmlu dan, il-pożizzjoni tal-UE fl-MC14 għandha tiġi stabbilita minn qabel mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE².

Fl-1994, il-Gvern tal-Uzbekistan applika għall-adeżjoni mad-WTO. Fil-21 ta' Diċembru 1994 ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tal-Uzbekistan. Il-11-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma saret fil-5 u s-6 ta' Novembru 2025. F'Ottubru 2025, il-Kummissjoni, f'isem l-UE, iffinalizzat negozjati bilaterali dwar serje komprensiva ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tal-Uzbekistan. L-UE għandha tappoġġa l-adeżjoni tal-Uzbekistan mad-WTO.

Ladarba jinħareġ mis-Segretarjat tad-WTO, l-abbozz tal-Pakkett ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Uzbekistan (Abbozz ta' Skeda Konsolidata ta' Konċessjonijiet u Impenji dwar il-Prodotti, Abbozz ta' Skeda Konsolidata ta' Impenji Speċifiċi dwar il-Kummerċ fis-Servizzi u Abbozz ta' Rapport tal-Grupp ta' Ħidma) se jiġi rieżaminat mill-Membri tad-WTO fil-Laqgħa finali tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Adeżjoni tal-Uzbekistan (għadu mhux skedat) u jista', possibbilment b'xi modifiki żgħar, jiġi adottat fl-MC14 fil-Kamerun, li se ssir mis-26 sad-29 ta' Marzu 2026.

Billi bħalissa għaddejjin negozjati, il-Kummissjoni tistenna li l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu rigward il-pożizzjoni tal-UE dwar l-eżitu tan-negozjati ladarba s-sitwazzjoni rigward it-testi rilevanti tkun ċara, jew fil-bidu tal-Konferenza Ministerjali stess jew matulha.

L-inizjattiva hija kompletament konsistenti mal-politika eżistenti. Tħejjew deċiżjonijiet simili għal Konferenzi Ministerjali preċedenti tad-WTO, inkluż l-aktar reċenti għat-13-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-2024³.

3.2. Sommarju tat-termini tal-adeżjoni mad-WTO

3.2.1. Skeda ta' impenji: oġġetti u servizzi

L-iskedi konsolidati finali tal-impenji u l-konċessjonijiet elaborati mis-Segretarjat tad-WTO jinsabu fil-proċess li jiġu ffinalizzati. L-UE kkonkludiet in-negozjati bilaterali mal-Uzbekistan fl-24 ta' Ottubru 2025.

3.2.2. Oġġetti

L-Uzbekistan jorbot 100 % tat-tariffi fl-Iskeda tiegħu ta' Konċessjonijiet u Impenji dwar il-Prodotti. Fir-rigward tal-impenji tiegħu għall-UE, l-Uzbekistan se jimplementa r-rati konsolidati finali mid-data tal-adeżjoni, b'minoranza ta' rabtiet li jiġu implimentati fi żmien 3 jew 5 snin. L-Uzbekistan issodisfa wkoll it-talbiet tal-UE billi naqqas ir-rati konsolidati, b'mod partikolari għal-linji tariffarji b'espportazzjonijiet akbar tal-UE u ta' interess agrikolu

² Sal-punt li, għall-kuntrarju tal-aspettattivi kurrenti, il-konsensus kien formalizzat fi ftehim internazzjonali li jemenda l-ftehim tad-WTO jew fi ftehim internazzjonali plurilaterali bejn uħud mill-Membri tad-WTO, il-Kummissjoni tagħmel il-proposti neċessarji f'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE wara l-adozzjoni tat-testi u tal-ftuħ tagħhom għall-aċċettazzjoni mill-MC14 jew mill-membri tad-WTO kkonċernati matul l-MC14.

³ [Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni ta' Timor Leste mad-WTO](#)

(ir-rata konsolidata finali medja ponderata għall-kummerċ totali tal-offerta tal-Uzbekistan lill-UE hija ta' madwar 4,5 %), u permezz tal-għoti ta' Drittijiet Inizjali ta' Negożjar.

Fir-rigward tad-dazji fuq l-esportazzjoni, l-Uzbekistan qabel dwar lista pożittiva, skont it-talba tal-UE b'rati li l-biċċa l-kbira tagħhom huma simili għal dawk stabbiliti fid-Digriet Presidenzjali Uzbek 47 ta' Marzu 2025. Għall-metalli u r-ruttam tal-metall ir-rati jinkludu perċentwal ad valorem fil-medda ta' 5 % sa 80 % flimkien ma' valuri ta' limitu speċifiċi. Għall-prodotti agrikoli, ir-rati huma ad valorem fil-medda ta' 20 % u 30 % għall-annimali ħajjin, il-prodotti tal-laħam u ċ-ċereali, filwaqt li għar-ross, il-qoton u l-prodotti tal-qoton ir-rati tad-dazju fuq l-esportazzjoni huma ad valorem b'valuri ta' limitu speċifiċi u b'perjodu ta' implimentazzjoni ta' 10 snin.

3.2.3. *Servizzi*

L-Uzbekistan se jassumi impenji ta' aċċess għas-suq f'firxa wiesgħa ta' servizzi, inkluż f'servizzi professjonali (legali, kontabilistiċi u tal-awditjar, żamma tal-kotba, tassazzjoni, arkitettura, inġinerija, inġinerija integrata, veterinarja), servizzi tan-negożju (servizzi tal-kompjuter, servizzi tal-proprjetà immobbli, servizzi kummerċjali oħrajn), servizzi ta' komunikazzjoni (kurrier, telekomunikazzjoni, inkluż id-Dokument ta' Referenza tat-telekomunikazzjoni), kostruzzjoni u servizzi relatati mal-inġinerija, servizzi ta' distribuzzjoni (kemm bl-ingrossa kif ukoll bl-imnut), servizzi edukattivi (edukazzjoni għolja), servizzi ambjentali, servizzi finanzjarji (assigurazzjoni u servizzi bankarji), turiżmu u servizzi relatati mal-ivvjaġġar, servizzi kulturali u sportivi rikreattivi u servizzi tat-trasport (bl-ajru, bil-ferrovija, bit-triq u awżiljarji). Tali impenji huma konformi mal-Ftehim Imsaħħa ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) bejn l-UE u l-Uzbekistan. L-Uzbekistan neħħa l-impenji awdjoviżivi kollha u ħa f'idejh il-lista proposta tal-eċċezzjonijiet tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit għas-servizzi awdjoviżivi bis-sħiħ.

4. **BAŻI LEGALI**

4.1. **Bażi legali proċedurali**

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett tal-“*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE*”⁴.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim tad-WTO, li skont l-Artikolu IV:1 tal-Ftehim tad-WTO għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha koperti taħt kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet kummerċjali multilaterali, inklużi deċiżjonijiet li għandhom effetti legali.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

L-atti previsti msemija hawn fuq jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali, peress li dawn jistgħu jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni bis-saħħa tad-dritt internazzjonali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn fuq l-oġjettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġjettiv prinċipali u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-14-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Uzbekistan mad-WTO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Ftehim ta' Marrakexx li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") kien konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994⁵ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Skont l-Artikoli IV:1 u IX:1 tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") tista' tadotta deċiżjonijiet b'konsensus.
- (3) Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO, matul l-14-il laqgħa tagħha bejn is-26 u d-29 ta' Marzu 2026, tista' tadotta deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Uzbekistan mad-WTO.
- (4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO, billi d-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) In-negozjati għall-adeżjoni tal-Uzbekistan mad-WTO bdew fl-1995. Fil-21 ta' Diċembru 1994 ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar l-adeżjoni tal-Uzbekistan. Il-11-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma saret fil-5 u s-6 ta' Novembru 2025. F'Ottubru 2025, il-Kummissjoni, f'isem l-UE, iffinalizzat negozjati bilaterali dwar serje komprensiva ta' impenji għall-ftuħ tas-suq min-naħa tal-Uzbekistan. L-adeżjoni mad-WTO hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv u dejjiemi għall-proċess tar-riforma ekonomika u l-iżvilupp sostenibbli fl-Uzbekistan. Adeżjoni possibbli tenfasizza wkoll l-appoġġ għal sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli bid-WTO fil-qalba tagħha. Jenħtieġ li l-UE tappoġġa l-adeżjoni tal-Uzbekistan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-14-il Konferenza Ministerjali tad-WTO jew fi kwalunkwe laqgħa posterjuri tal-Kunsill Ġenerali għandha tkun:

Li tingħaqad mal-kunsens milħuq fost il-Membri tad-WTO bil-ħsieb li tiġi adottata deċiżjoni rigward l-adeżjoni tal-Uzbekistan mad-WTO.

⁵ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*